*il-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba skont ir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi - l-liġi hija tassattiva u ma tħalli l-ebda diskrezzjoni fejn jirriżulta li l-applikant kien instab ħati ta' reat kif elenkat taħt il-para. (a) tas-subregolament 9(1) tal-L.S. 499.68.*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2023

Appell Inferjuri Numru 10/2022 LM

**Lawrence Azzopardi (K.I. nru. 222586(M))**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Transport Malta**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Lawrence Azzopardi (K.I. nru. 222586(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mis-sentenza mogħtija fit-28 ta'

Novembru, 2022, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li permezz tagħha ddeċieda l-appell tiegħu fil-konfront tal-intimata **Transport Malta** [minn issa 'l quddiem 'l-Awtorità appellata'] billi ċaħad l-istess appell, filwaqt li laqa' ir-risposta tal-Awtorità appellata, bl-ispejjeż kontrih.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-appell odjern jirrigwardaw l-applikazzjoni tal-appellant sabiex jikseb liċenzja ta' operatur ta' servizz ta' ġarr ta' passiġġieri b'vetturi żgħar. Fis-17 ta' Diċembru, 2021 huwa kien ġie nfurmat mill-Awtorità appellata bil-miktub li hija kienet bi ħsiebha tiċħad l-applikazzjoni tiegħu għaliex ma kienx jissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba skont ir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi. Dan għaliex huwa kien instab ħati u kkundannat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali permezz tas-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Anzjan Anthony Cassar) *vs* Omissis et** fis-17 ta' Settembru, 2012, liema sentenza kienet ġiet appellata quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), fejn l-appell kien ġie deċiż fis-26 ta' Jannar, 2017. L-appellant kien ingħata għaxart ijiem sabiex jikkontesta d-deċiżjoni tal-Awtorità appellata, kif fil-fatt għamel fid-29 ta' Diċembru, 2021. Iżda l-Awtorità appellata fil-31 ta' Diċembru, 2021 ikkonfermat id-deċiżjoni tagħha.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellant appella minn dik id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal fejn talab sabiex:

*"...it-Tribunal jogħġbu, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni jew ordni meqjusa opportuna fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ: iħassar id-deċiżjoni ta' Transport Malta ta' nhar is-16 ta' Diċembru 2021 u/jew kwalunkwe deċiżjoni relattiva u/jew konsegwenti, u minflok jordna lil Transport Malta sabiex jaċċettaw l-applikazzjoni tal-esponenti għal-liċenzja ta' operatur għal servizz ta' ġarr ta' passiġġieri b'vetturi żgħar;*

*Bl-ispejjeż kontra l-appellata li minn issa hija inġunta in subizzjoni;"*

4. L-Awtorità appellata laqgħet billi filwaqt li ddikjarat li it-talbiet tal-appellant għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu, sostniet li d-deċiżjoni tagħha kienet waħda ġusta, korretta u skont il-liġi.

**Is-Sentenza Appellata**

5. It-Tribunal wasal għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

***"Ikkunsidra:***

*Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorità intimata komunikata lilu permezz ta' ittra datata 31 ta' Diċembru 2021 li permezz tagħha ġie mgħarraf illi l-Awtorità kienet irrifjutat l-applikazzjoni tiegħu għal liċenzja ta' operatur għal servizz ta' passiġġieri b'vetturi żgħar stante li ma jissodisfax il-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba ai termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68 (Regolamenti Dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi). Illi mill-istess deċiżjoni jirriżulta li r-raġuni wara dan ir-rifjut kienet sentenza li ngħatat fil-konfront tar-rikorrent fis-17 ta' Settembru 2012 kif konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Jannar, 2017, fejn ġie misjub ħati bi vjolazzjoni ta' waħda mill-provvedimenti ta' Regolament 9 (1) (a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68. (fn. 1 Dokument BF1 a fol. 24)*

*Illi għall-aħjar intendiment tar-raġuni mogħtija mill-Awtorità intimata, it-Tribunal se jiċċita testwalment ir-Regolament 9 fl-intier tiegħu, liema artikolu għamlet referenza għalih l-Awtorità intimata fid-deċiżjoni tagħha, u ċioe`:*

"9. (1) Persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kondizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba:

(a) jekk hija tkun instabet ħatja ta' xi reat kif jidher-

(i) fit-Titolu I tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali jew fl-artikoli 198, 199, 203, 203A,204, 204A, 204B, 204Ċ, 205, 211, 212, 217 (f'każ illi r-reat ikun twettaq permezz ta' arma tan-nar), 220, 238(a),248B, 248Ċ, 248D tal-Kodiċi Kriminali;

(ii) fl-artikoli 2, 3, 5, 7, 8, 9 u 10 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni;

(iii) fl-artikoli 40A, 40B, 120A, u 120B tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha;

(iv) fl-artikoli 4, 5, 6(a), 7, 8(b), 8(ċ), 8(e), 11,13(2), 14(3), 15, 15A, 16, 17, 18, 22(1)(b), (ċ), (d), (e),(f), 22(1Ċ), 22(1D)(a), 22(1E) u 22(3BA)(5) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

(v) fl-artikoli 37, 38, 44, 50 u 61 tal-Att dwaril-Forzi Armati ta' Malta;

(b) għal dak il-perijodu ta' żmien meta hija tkun qiegħda tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar(1);

(ċ) għal dak il-perjodu ta' żmien li jiġi minnufih wara dak iż-żmien li hija tkun għamlet tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar (1) li tkun ingħatat lil dik il-persuna għal reat jew reati marbuta ma' vjolenza fuq persuna oħra, liema perjodu jkun:

(i) tliet (3) xhur fir-rigward ta' pieni ta' priġunerija ta' mhux inqas minn sitt (6) xhur iżda li ma jkunux aktar minn sentejn (2);

(ii) daqs kwart tal-piena ta' priġunerija li għaliha persuna bħal dik tkun ikkundannata piena ta' priġunerija ta' aktar minn sentejn (2):

Iżda wkoll meta l-applikant kellu inqas minn tmintax (18)-il sena meta wettaq ir-reat, ilperjodi msemmija fil-paragrafu (ċ) ma għandhomx ikunu ta' aktar minn sentejn (2).

(d) tkun instabet ħatja li wettqet xi reat bħal dawk taħt xi liġi ta' pajjiż jew territorju barra minn Malta.

(2) Għall-finijiet biex jiġi stabbilit jekk persuna hijiex ta' reputazzjoni u kondotta tajba skont is-subregolament (1), il-frażi "sentenza" ma għandhiex tinkludi:

(a) ordni ta' probation mogħtija skont l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 5 tal-Att dwar il-Probation tal-Ħatjin u li tkun ġiet osservata mill-

probationer jew ordni għal-liberazzjoni assoluta jew taħt kondizzjoni mogħtija taħt l-artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 9 tal-Att dwar il-Probation tal-Ħatjin li tkun ġiet osservata; jew

(b) sentenza għat-twettiq ta' reat li dwaru persuna li tkun ġiet misjuba ħatja tiġi mogħtija maħfra mill-President ta' Malta skont l-artikolu 93(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Iżda dan il-paragrafu għandu jkun japplika biss mid-data li fiha l-President ta' Malta jkun ta maħfra bħal dik; jew

(ċ) sentenza li fil-waqt tal-applikazzjoni tagħha tkun qiegħda taħt appell; jew

(d) sentenza għat-twettiq ta' reat ta' pussess għall-użu esklussiv imsemmija fis-subparagrafi (iii) u (iv) tas-subregolament (1)(a), liema sentenza tkun ingħatat mill-anqas tliet (3) snin qabel id-data li fiha tkun saret l-applikazzjoni għal-liċenzja ta' operatur fejn l-applikant ikun irriabilita ruħu u ma kellux sentenza oħra matul dawn it-tliet (3) snin."

*Illi t-Tribunal jifhem illi l-leġislatur elenka ċerti reati f'Regolament 9 (1) (a) sabiex jikkawtela l-interessi tal-pubbliku in ġenerali.*

***Ikkunsidra:***

*Illi fl-affidavit tiegħu r-rikorrent spjega illi preżentement huwa jaħdem ma' kumpannija privata bħala xufier però ma jistax jinvolvi ruħu f'iktar attivitajiet tal-istess kumpannija peress li m'għandux* tag *u lanqas jista' jtejjeb il-posizzjoni finanzjarja tiegħu billi jaħdem* part-time *ma' kumpanniji privati oħra li joffru servizz ta' ġarr ta' passiġġieri. Di fatti f'kawża separata huwa talab li tiġi revokata deċiżjoni tal-Awtorità intimata fejn ġie miċħud it-*tag *ta' xufier mentri permezz tal-appell odjern huwa qiegħed jitlob ir-revoka tad-deċiżjoni tal-Awtorità intimata li permezz tagħha rrifjutat li toħroġlu liċenzja ta' operatur għas-servizz ta' ġarr ta' passiġġieri b'vetturi żgħar.*

*Illi min-naħa l-oħra Brian Farrugia, uffiċjal fi ħdan l-Awtorità intimata, stqarr illi meta l-Awtorità eżaminat il-fedina penali tar-rikorrent (fn. 2 Esebita a fol. 38* et sequitur) *sabet illi kien hemm kundanna li abbażi tagħha l-istess Awtorità ma setgħetx toħroġ il-liċenzja mitluba mir-rikorrent. Dwar dan l-Awtorità infurmat lir-rikorrent u tatu l-opportunità li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu fir-rigward, (fn. 3 A fol. 37) liema sottomissjonijiet ġew mibgħuta lill-Awtorità permezz ta' ittra legali datata 29 ta' Diċembru 2021. (fn. 4 A fol. 34)*

*Illi huwa bil-wisq evidenti li r-reati mwettqa mir-rikorrenti, u ċioe` dawk ta' korruzzjoni ta' minorenni u stupru fuq persuna minuri, u li tagħhom instab ħati, huma ċertament reati li jaqgħu taħt artikolu 9 (1)(a)(i) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56. Filwaqt li dan it-Tribunal ħa in konsiderazzjoni li l-Qorti tal-Appell Kriminali bidlet il-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati għal waħda ta' priġunerija sospiża, madanakollu dan ma jbiddel xejn mill-gravità jew ħtija dwar ir-reati kommessi.*

*Illi filwaqt li dan it-Tribunal jifhem l-argumenti mressqa mir-rikorrent, id-deċiżjoni li jrid jagħti dan it-Tribunal trid tkun waħda oġġettiva u b'rispett sħiħ lejn il-liġi. Dan it-Tribunal m'għandux kompetenza jissindika u jiddeċiedi jekk liġi hix ġusta jew inġusta. Il-liġi trid tiġi applikata kif inhi u jkunu kemm ikunu pjetużi s-sitwazzjonijiet li l-persuni aggravati jkunu fihom ma jistax jiddipartixxi minn dak li tgħid il-liġi.*

*Illi f'dan il-każ il-liġi hija pjuttost ċara u torbot idejn l-Awtorità intimata. Ir-Regolament 9 (1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56 ma jħalli l-ebda diskrezzjoni lill-Awtorità intimata meta tiġi biex tiproċessa applikazzjoni għall-għoti ta' liċenzja ta' operatur jekk jirriżultalha li l-applikant wettaq xi wieħed mir-reati hemm indikati. Lanqas dan it-Tribunal ma għandu xi diskrezzjoni speċjali jew addizzjonali fir-rigward. Il-liġi tagħmilha tassattiva fuq l-Awtorità intimata li meta tirriskontra applikant li wettaq xi wieħed mir-reati elenkati fir-Regolament 9 trid neċessarjament tirrifjuta l-applikazzjoni tiegħu mingħajr ma tidħol biex teżamina kwalunkwe ċirkostanza oħra.*

*Illi għaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi l-Awtorità intimata ma kellha ebda triq oħra ħlief li timxi mal-liġi u tiċħad l-għoti tal-permess ta' operatur li għalih applika r-rikorrent. Għalhekk, it-Tribunal ma jqisx illi l-istess deċiżjoni hija waħda nġusta, irraġjonevoli, sproporzjonata jew ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti."*

## **<u>L-Appell</u>**

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fis-16 ta' Diċembru, 2022, fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tirrevoka s-sentenza billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-Awtorità appellata u tilqa' it-talba tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Awtorità appellata. Jgħid li l-aggravju tiegħu huwa li l-Bord għamel apprezzament żbaljat u interpretazzjoni żbaljata tal-liġi applikabbli.

7. L-Awtorità appellata laqgħet permezz tat-tweġiba tagħha tad-29 ta' Diċembru, 2022, fejn filwaqt li ssottomettiet li s-sentenza appellata hija waħda korretta u timmerita konferma, stqarret li l-appell odjern huwa frivolu u vessatorju u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.

8. Il-Qorti issa ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-appellant, u dan fid-dawl ta' dak li ddeċieda t-Tribunal, u meħudin in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tal-Awtorità appellata.

9. L-appellant jissottometti li huwa jinsab aggravat bis-sentenza appellata għaliex il-Bord għamel apprezzament żbaljat u interpretazzjoni żbaljat tal-liġi applikabbli għall-każ odjern. Jikkontendi li l-Bord naqas milli jieħu in kunsiderazzjoni diversi fatti li fil-konfront tagħhom huwa kien ressaq l-ilment tiegħu. Jispjega li huwa kien ippreżenta affidavit tiegħu u anki ressaq lill-prinċipal tiegħu bħala xhud, iżda din ix-xhieda kienet ġiet skartata. Jgħid li dan kollu jmur kontra l-prinċipji tar-raġonevolezza, tal-ġustizzja u tal-ekwità, prinċipji li għandu jħaddan it-Tribunal. Huwa ċċita dak li qal it-Tribunal fejn stqarr li huwa marbut bid-dispożizzjonijiet tal-liġi u aċċetta li d-deċiżjoni tat-Tribunal kellha tirrispetta l-liġi. Iżda isostni li wara li kellu jieħu konjizzjoni tax-xhieda prodotti, il-Bord kellu jikkunsidra wkoll il-prinċipju tar-raġonevolezza u tal-proporzjonalità fid-deċiżjoni tiegħu, fejn jikkontendi li tassew ma kien hemm l-ebda proporzjonalità jekk wara li ngħata piena mill-Qorti Kriminali, huwa kellu jsofri piena sussidjarja billi ma jkunx jista' jaqla' l-għajxien tiegħu. Bħal ma dejjem sostna, huwa llum m'għadux minuri kif kien meta instab ħati mill-Qorti. Jgħid li saħansitra għadda żmien konsiderevoli fejn huwa nbidel għal kollox u jixtieq jimxi 'il quddiem f'xogħolu. Jinsisti li l-Bord kellu jieħu in

konsiderazzjoni l-fatti kif żvolġew, u jirrileva li qatt minn dakinhar li nstab ħati ma reġa' kellu x'jaqsam mal-ġustizzja penali.

10. Min-naħa tagħha l-Awtorità appellata tikkontendi li s-sentenza tat-Tribunal hija tajba u għandha tiġi kkonfermata. Tispjega li l-liġi tirrikjedi li dawk il-persuni li jipprovdu servizzi ta' trasport ta' ġarr ta' passiġġieri, kemm bħala operatur iżda anki bħala xufier, għandhom ikunu ta' reputazzjoni u kondotta tajba. Tirrileva li l-leġislatur hawnhekk ipprovda għal kriterji oġġettivi ċari sabiex b'hekk hija tkun tista' tiddeċiedi jekk l-applikant jissodisfax dawn il-kriterji jew le. L-Awtorità appellata tgħid li fil-każ odjern l-appellant ma kienx jissodisfa l-kriterju ta' reputazzjoni u kondotta tajba wara li skont is-sentenza tas-17 ta' Settembru, 2012, kif ikkonfermata fil-mertu mill-Qorti tal-Appell Kriminali bis-sentenza tagħha tas-26 ta' Jannar, 2017, huwa kien instab ħati ta' reat bi vjolazzjoni ta' waħda mill-provvedimenti tal-para. (a) tas-subregolament 9(1) tal-L.S. 499.68. Għalhekk id-deċiżjoni tagħha ta' rifjut kienet tajba u konformi mal-provvedimenti tal-liġi viġenti. Tissottometti li l-funzjoni tat-Tribunal hija li jfittex sabiex jara jekk deċiżjoni ta' Awtorità jew ta' enti pubblika hija waħda korretta je le, iżda m'għandux il-poteri sabiex jippronunzja, jiddetermina jew jiddikjara jekk liġi hija tajba jew le jew jekk hija ġusta je le. Tgħid li dak tal-ewwel huwa proprju li għamel it-Tribunal, fejn ċaħad l-appell interpost mill-appellant għaliex id-deċiżjoni tagħha kienet waħda tajba u skont il-liġi. L-Awtorità appellata tagħlaq billi ssostni li l-konsiderazzjonijiet tar-raġonevolezza u tal-proporzjonalità tal-liġi huma għal kollox estraneji għad-determinazzjoni li kellu jagħmel it-Tribunal u għad-deċiżjoni li għandha tieħu din il-Qorti.

11. Il-Qorti tgħid li s-sentenza appellata hija waħda tajba. Wara li t-Tribunal għamel riferiment għar-Regolament 9 tal-L.S. 499.68 applikabbli għall-każ odjern fl-intier tiegħu, għaraf li l-leġislatur kien għażel li jelenka ċerti reati taħt il-para. (a) tas-subregolament (1) tiegħu sabiex iħares l-interessi tal-pubbliku in ġenerali. Imbagħad ikkunsidra dak li kien xehed fuqu l-appellant permezz tal-affidavit tiegħu dwar il-fatt li huwa ma kienx fil-pussess ta' *tag,* u li anki ma setax itejjeb il-pożizzjoni tiegħu billi jagħmel xogħol ieħor *part-time* ma' kumpanniji terzi li joffru servizz ta' ġarr ta' passiġġieri, iżda wkoll qies dak li qal Brian Farrugia, uffiċjal fi ħdan l-Awtorità appellata, li meta l-Awtorità appellata kienet rat il-fedina penali tiegħu sabet kundanna li tipprojbixxi l-ħruġ tal-liċenzja li għaliha applika l-appellant. It-Tribunal tajjeb ikkunsidra li r-reati li kien wettaq l-appellant jaqgħu fil-parametri stabbiliti mis-subinċiż (i) tal-para. (a) tas-subregolament 9(1) tal-L.S. 499.56, fatt li mhux qiegħed jiġi kkontestat mill-appellant. Ikkunsidra wkoll li l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet bidlet il-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati għal waħda ta' priġunerija sospiża, iżda rrileva ġustament li dan ma jbiddel xejn mill-gravità tar-reati kommessi mill-appellant jew mill-ħtija tiegħu għall-imsemmija reati. Wara li t-Tribunal stqarr li kien fehem l-argumenti li kien qiegħed jagħmel l-appellant, iddikjara li huwa kien marbut li jiddeċiedi b'mod oġġettiv u b'rispett sħiħ lejn il-liġi fejn din kellha tiġi applikata, minkejja s-sitwazzjonijiet pjetużi tal-persuni aggravati. Għaraf korrettement li l-liġi hawnhekk hija ċara u torbot idejn l-Awtorità appellata, filwaqt li ma tħalli lit-Tribunal l-ebda diskrezzjoni. Għalhekk sewwa ddeċieda li l-Awtorità appellata ma kellha l-ebda għażla oħra għajr li tiċħad l-applikazzjoni tal-appellant, filwaqt li stqarr li d-deċiżjoni tagħha ma setax iqiesha bħala

waħda nġusta, irraġonevoli, sproporzjonata jew msejsa fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti.

12. Il-Qorti tgħid li m'għandha xejn x'iżżid mal-konsiderazzjonijiet preċiżi tat-Tribunal, u dan filwaqt li tagħmilhom tagħha. Tikkunsidra li t-Tribunal mill-ewwel għaraf li l-liġi hija tassattiva u ma tħalli l-ebda diskrezzjoni f'idejn l-Awtorità appellata fejn jirriżulta li l-applikant kien instab ħati ta' reat kif elenkat taħt il-para. (a) tas-subregolament 9(1) tal-L.S. 499.68. Għalhekk, l-Awtorità appellata ma kellha l-ebda għażla għajr li tiċħad l-applikazzjoni tiegħu.

13. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx l-aggravju tal-appellant ġustifikat u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi, u dawk tal-appell odjern għandhom jitħallsu wkoll mill-appellant.**

Moqrija

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**